Monsinjur Pawl Mallia

(l-eku ta' 100 sena ilu)

Loretu J. Dalli



Li tiċċelebra ċentinarju ta' xi parti tal-istorja hija xi ħaġa mportanti fiha nfisha, imma meta tkun fuq bażi internazzjonali tkun ta' prestiġju akbar. F'dan iċ-ċentinarju, wieħed mill-protagonisti f'dan l-istess avveninment li saṛ ġewwa Malta, kien Gudjan. Kien il-Monsinjur Pawl Mallia. Dan l-avveninment seħħ propju fis-sena 1913 – bħal dan iż-żmien mitt sena ilu.

Ejja naraw min kien Monsinjur Pawlu Mallia u x'għamel.

Dun Pawl twieled il-Gudja nhar l-14 ta' Novembru, 1872. Il-ġenituri tiegħu kienu Aloysius (Wigi) Mallia magħruf bħala Wiġi ta' Langarett, u Marija Dalli. Huwa ġie mgħammed l-għada, jiġifieri nhar il-15 ta' Novembru 1872, kif kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien, fil-parroċċa ta' Santa Marija tal-Gudja. Il-Ministru tal-magħmudja kien Dun Fidiel Zammit li tah l-ismijiet ta' Paulus, Jacobus u Laurentis, ismijiet li għadhom sal-ġurnata tal-lum jiġru fil-familja ta' Mallia u dik ta' Farrugia, li nsibuhom joqogħdu faċċata tas-salib fil-Gudja. Il-parrinijiet tal-magħmudija kienu Franġisku Barbara u Liberata Barbara, dejjem skont ir-reġistru parrokkjali tal-magħmudijiet ġewwa l-Gudja. Dan kollu jinstab f'Volum V, paġna 148 tas-sena 1872.

Pawlu Mallia beda l-istudji tiegħu fl-iskola primarja (ta' Konċilju) il-Gudja, u dam hemm sas-sena 1882, fejn aktar tard bħala żagħżugħ Pawlu mar jistudja s-Seminarju tal-Imdina fis-sena 1890, fejn hemmhekk dam sas-sena 1896. Ftit wara li spiċċa mis-Seminarju Maġġuri qaddes, u l-ewwel quddiesa tiegħu saret fil-Gudja. Huwa kien magħruf li kellu kelma ħafifa kif iwassal it-tixrid tal-Vangelu bi stil sempliċi imma effettiv, anke f'età żgħira, aktar tard dan urih ukoll f'diversi okkażjonijiet ġewwa r-rotunda tal-Mosta, fejn dam iservi għal 22 sena sħaħ bħala Arċipriet.(1907-1929) Tul dan iż-żmien huwa wera l-għerf, il-ħidma u l-bżulija tiegħu kif tixhed l-istorja, b'mod speċjali tul il-**Kungress Internazzjonali Ewkaristiku tal-1913 ġewwa Malta.**

L-Isqof Mons. Pietru Pace kien ħatar lil Dun Pawl Mallia bħala t-tielet Arċipriet tal-Mosta fl-1907. Kif diġà għedna dan is-saċerdot kien tassew twajjeb bħal ħafna minn niesu (Gudjani). Dan kien magħruf ukoll għall-umiltà tiegħu minn bosta. Aktar tard huwa ħa l-pussess tiegħu nhar il-11 ta' Ġunju 1907 ġewwa t-tempju grandjuż f'ġieħ il-Verġni Marija Assunta f'nofs Malta. Bħala bniedem ferm devot tal-Assunta u li ġej minn raħal fejn din id-devozzjoni rat il-bidu tagħha fil-gżejjer maltin (dik ta' Bir Miftuħ fil-Gudja), huwa ħass li seta' jkompli jxerred u jaħdem sabiex din id-devozzjoni tkompli tissaħħaħ fost il-Mostin parruċċani tiegħu. Din għalih kienet xi ħaġa paralella ma' dik ta' raħal twelidu.

Issa ta' min wieħed jgħid u jiġbed l-attenzjoni li fi żmien l-1907 jew l-ewwel snin tal-parrokkjat ta' Dun Pawl, kien waqa' għaks kbir f'Malta. Is-seklu għoxrin kien ġab miegħu ħafna bidliet f'kull settur tal-ħajja. Kienu snin ta' instabbilità kemm f'Malta u anke madwar id-dinja. Wara seba' snin li kien laħaq Arċipriet tal-Mosta jiġifieri fl-1914 faqqgħet il-gwerra l-kbira li tul l-erba' snin li damet tkarkar, ħarbtet lill-pajjiżi tal-Ewropa kollha. Ta' min ukoll ifakkar li Dun Pawl kien għaddej b'ċerti proġetti f'dik l-era ġewwa l-Mosta fejn dawn kellhom jieqfu. Meta din il-Gwerra (l-Kbira) kienet għadha għaddejja, fil-1917 kien sar strajk fit-Tarzna (għax il-ħaddiema raw li kienu ġew ittrattati ħażin u ntużaw bħal lumija wara li nqdew bihom fil-gwerra) u naturalment dan ħalla effetti koroh fuq Malta. Innuqqas ta' flus, l-għoli tal-ħajja u t-telf tal-impjiegi, wasslu għall-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju, 1919. Ħafna nies sfaw bla xogħol u għalhekk bosta minnhom kellom jemigraw 'il barra minn xtutna biex isibu jaħdmu f'xi pajjiż ieħor. (B'riżulat t'hekk ħafna Mostin spiċċaw ġewwa San Francisco fl-Istati Uniti, meta anke nsibu triq li tagħti indikazzjoni ċara li hemm ħafna Mostin fiha). Dan kien reġa' seħħ fis-sittinijiet fejn flok l-irvellijiet, kien hemm żvinazzjoni tal-ħaddiema tas-sengħa mit-tarzna, għal barra minn Malta.

Fiż-żmien li Dun Pawl Mallia serva bħala Arċipriet fil-Mosta sar avveniment importanti fl-istorja ta' Malta, fejn huwa ta sehem kbir fl-attivitajiet li saru ġewwa r-Rotunda tal-Mosta. Dawn l-avvenimenti kienu fuq skala internazzjonali fl-1913 (100 sena ilu) li ġibdu għajnejn id-dinja nisranija kollha fuqhom. (Il-Kungress Ewkaristiku tal-1913). Bħala Gudjan inħossni bir-raġun kollu kburi li kellu jkun proprju bniedem mill-Gudja, jiġifieri Dun Pawl, li ħadem u stinka sabiex ir-Rotunda tant maestuża

laqgħet il-Kungress, minflok il-Kulleġġ ta' San Alwiġi. Dan sar bl-aktar mod solenni, għal erbat ijiem sħaħ matul il-laqgħat tal-XXIV Kungress Ewkaristiku li sar proprju fix-xahar ta' April tal-1913. Kellu jkun proprju April ieħor, kwazi 30 sena wara li sar avveniment ieħor, mhux daqstant pjaċevoli fl- istess Rotunda.

Fil-Knisja tal-Mosta, il-Kungressisti ġew biex jistudjaw, jagħtu qima u fuq kollox jaduraw lill-Ewkaristija bl-aktar mod dinjituż, kif kien jixraq lil Ġesù Sagramentat. Kienet ġrajja kbira għall-Malta u għar-Rotunda tal-Mosta li kellha l-privileġġ li tilqa' fiha dawk il-mistednin distini, fosthom ħames Kardinali, ħmistax-il Arċisqof, ħamsa u erbgħin Isqof u lil-Legat tal-Papa – il-Kardinal Domenico Ferrata. Hawn irridu nsemmu l-ħila ta' Dun Pawl biex ikkoordina kollox bizzila għal dan il-Kungress Internazzjonali. Nhar l-Erbgħa 23 ta' April 1913, kmieni waranofsinhar wasal il-Legat tal-Papa u ġie mogħti merħba kbira min-nies preżenti u mill-ewwel mar biex iżur lill-Arċipriet Mallia fid-dar tiegħu biswit ir-Rotunda. Hemmhekk iltaqa' mal-Kardinal Nava u l-Kardinal Luddi, bosta dinjitarji oħra tal-Knisja kif ukoll mal-Kumitat organizzattiv li kien twaqqaf għal din l-okkażjoni tal-Kungress. Meta l-miġemgħa ħarġet mid-dar tal-Arċipriet, fuq iz-zuntier ġew milqugħa mill-Kumitat Eżekuttiv waqt li l-Banda Nicolo Isouard li kienet fuq iz-zuntier tal-knisja daqqet marċi ferrieħa. Waqt il-wasla tal-Legat tal-Papa, il-Kardinal Dom. Ferrata, Mons. Mallia kien ħdejn il-ħbieb tal-knisja jistenna sabiex jilqgħu, waqt li l-istess banda taħt is-Surmast Ferdinando Camilleri daqqet l-Innu tal-Papa.

L-aħħar laqgħa li saret il-Mosta għal dan il-Kungress kien nhar is-Sibt 26 t'April, fejn saret dimostrazzjoni lill-Kardinal Bourne li ġie mogħti merħba kbira u sabiħa. Malli dan wasal fil-bidu tal-Mosta l-armar taż-żwiemel ġie żarmat minn mal- karozzella u din ġiet miġbuda minnies sal-knisja b'turija ta' rispett.

Il-ħidma tiegħu kienet ta' fejda kbira għall-poplu Mosti, fosthom insibu li hu kien ħass il-ħtieġa li tiġi ffurmata orkestra fil-parroċċa biex tieħu sehem fil-funzjonijiet tar-Rotunda bl-isem ta' din l- orkestra jkun "Maria Assunta". X'aktarx li s-sena li fiha twaqqfet din l-orkestra kienet l-1927. Kien fi żmienu ukoll, li fost affarijiet oħra sar paviment grandjuż tal-kisi tal-art tar-Rotunda bl-irħam. Dan il-proġett, li kien beda fl-1909 u tlesta sentejn wara fl-1911, sar bit-tħabrik tal-prokuratur tar-Rotunda Dun Ang. Camilleri li kien ta' għajnuna kbira għal Dun Pawl Mallia. B'hekk fl-ewwel erba' snin bħala Arċipriet tal-Mosta, Dun Pawl Mallia ħa ħsieb li jkompli jsebbaħ ir-Rotunda. Fi żmienu wkoll, fl-1928, kien beda jinbena l-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesù li tlesta fl-1935 fi żmien l-Arċipriet ta warajh, Dun Girgor Borg. Kien propju nhar il-11 ta' Novembru 1928, meta fuq wara tat-triq li llum imsemmija għall-Oratorju tqegħdet l-ewwel ġebla. Dun Pawl Mallia baqa' msemmi għat-tjubija tiegħu speċjalment għall-ħlewwa li wera mat-tfal żgħar tad- duttrina.

Insibu wkoll li kien proprju l-Arċipriet Mallia li fil-Bidnija limiti tal-Mosta, ta bidu għall-bini tal-knsija tas-Sagra Familja. Meta tbierket l-ewwel ġebla ta' din il-knisja, Dun Pawl għamel diskors tal-okkażjoni, fejn fakkar fid-devozzjoni li l-Papa Piju IX kellu lejn is-Sagra Familja. Punt ieħor żgħir, li juri kemm kien bniedem ta' inizzjattiva, fi żmienu twaqqfet il-Konfraternità ta' San Vinċenz, u kien proprju l-aħħar jum tat-Tridu tal-Assunta, it-13 t'Awissu 1919.

Mhux biss... hemm stanza fil-ħajja tiegħu li ried juri ċerti episodji minn ħajtu l-imgħoddija speċjalment dawk ta' snin tfulitu. Jidher li fi tfulitu d-devozzjoni lejn il-Madonna b'tema Agostinjana kienet f'moħħu, u ġiet riflessa fit-tmexxija tiegħu bħala Arċipriet fil-Mosta bl-introduzzjoni tas-sorijiet Agostinjani f'din il-lokalità. Dawn fetħu skola fl-1928 li kienet it-tieni skola Agostinjana ġewwa Malta, wara l-ewwel skola tagħhom ġewwa Ħal Qormi, fejn dawn is-sorijiet għadhom hemm sal-ġurnata tal-lum.

Tant kellu fiduċja f'xogħlu, kif ukoll fin-nies ta' madwaru, jiġifieri fil-mostin li spiss kien jinstema' jgħid li "l-Mosta Ġnien" għax kien iħossu ferm ixxurtjat li kellu ħaddiema bieżla u ħawtiela madwaru. Wara 22 sena sħaħ, ta' ħidma bħala Arċipriet ġewwa l-Mosta, fejn għamel isem għalih u bħala Gudjan, huwa nħatar Monsinjur Kapitolari meta



'Dan huwa ritratt esklussiv tal-Kungress Ewkaristku ta' 100 sena ilu.
Dan ritratt qed jidher għall-ewwel darba wara tant snin, fejn nistgħu naraw anke lill-Monsinjur Mallia (f'ċirku), f'waħda miċ-ċelebrazzjonijiet qrib ir-Rotunda tal-Mosta.'

nhar it-13 ta' Dicembru 1929, waslitlu l-aħbar li kien ġie maħtur Monsinjur. Intant il-kleru Mosti ra fih bniedem ta' dedikazzjoni u għaldqstant għoġbu jindirizzalu, għal din l-okkażjoni, ittra ta' apprezzament. Din hija t- traduzzjoni tal-ittra:-

Mosta, Frar 1930.

Lir-Reverendissimu Mons. Kononku Kappillan Pawlu Mallia, b'sinjal ta' stima u rikonoxxenza li l- kleru tal-Mosta jagħti.

Rev. Monsinjur.

F'dan l-aħħar jum li inti għandek tibqa' fostna, inħossu d-dmir tagħna li nesprimu l-gratitudni tagħna kif ukoll l-istima u rikonoxxenza li aħna dejjem kellna lejn il-persuna tant għaziza tiegħek.

Jekk min-naħa l-waħda aħna ferħanin bl-unur li l-Q.T. il-Papa Piju XI għoġbu jżejjen il-persuna tiegħek, unur li inti mmeritajt għall-virtùjiet rari tiegħek, għall-għerf u l-prudenza li bihom int mexxejt il-merħla fdata lilek mill-Papa għal tlieta u għoxrin sena, min-naħa l-oħra nħossuna mnikkta għax fil-persuna tiegħek qegħdin nitilfu l-ħabib, l-għalliem u l-missier.

B'liema ħerqa ta' mħabba kont iġġib ruħek magħna fiċ-ċirkustanzi diversi ta' ferħ jew ta' niket li bihom il-Mulej għoġbu jżurna! Kemm tajtna suġġerimenti għaqlin u favorevoli u twissijiet fil-problemi diversi li kienu jfixkluna fil-karriera tagħna! Liema lezzjonijiet ta' għerf fil-problem teoloġiċi tagħna ma tajtniex? U llum il-ġurnata li fiha r-raħal qed jibki l-ġawhra li qed jitlef propju waqt li qed tħallina, mument maħbub u fl-istess ħin ta' niket, ippermettielna noffrulek dan ir-rigal żgħir li ma jħalli la liż-żmien u lanqas 'il bogħod inessik il-ħbiberija sinċiera tagħna.

Verament li r-rigal hu żgħir imma jħeġġeġ bl-imħabba u bir-rikonoxxenza lill-qalb tal-kleru tiegħek li qed joffrieh. Din hi l-aħħar stqarrija li aħna hawn taħt iffirmati qegħdin nagħmlu sinċerament filwaqt li nitolbu l-benedizzjoni tiegħek.

(Hemm firma ta' sitta u għoxrin saċerdot u suddjaknu).

Fid-9 ta' Frar 1930, huwa ngħata l-pussess ġewwa l-Katidral tal-Imdina. Issa bħala bin il-Gudja, fuq xewqa tiegħu istess, ra li l-kalċi personali tal-Monsinjur jingħata lill-parroċċa ta' raħal twelidu jiġifieri l-Gudja. Hekk sar fil-verità għax il-familjari tiegħu ġewwa l-Mosta rregalaw dan il-kalċi lill-Knisja Arċiprietali u Arċimatrici tal-Gudja. Il-Mons. Mallia ħalla din id-dinja nhar is-6 ta' Frar, 1946 fl- età ta' tnejn u sebgħin sena. Huwa jibqa' marbut għal dejjem mal-ġrajja l-kbira tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913. (100 sena ilu). Tant il-kleru Mosti ra bniedem ta' dedikazzjoni f'Mons. Mallia li għogbu jindirizzalu għal din l-okkażjoni din it-traduzzjoni tal-ittra.

Hawn għandna x'qalet il-Leħen is-Sewwa propju wara mewtu :-

Mons. P. Mallia.

Bil-mewt ta' Monsinjur P. Mallia li ġrat fis-7 ta' dan ix-xahar, il-knisja f'Malta tilfet saċerdot l-aktar eżemplari u ħabrieki. It-72 sena ta' ħajja għaddihom jagħmel il-ġid, l-aktar mal-foqra u ċ-ċkejknin.

Bħala Kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt, u bħala Arċipriet tal-parroċċa importanti tal-Mosta, fejn dam għal madwar 22 sena sħaħ, Monsinjur Mallia għamel ġid bla qies lill-erwieħ fil-konfessinarju, minn fuq il-pulptu u maġenb il-moribondi. Kien tabilħaqq missier ħanin mal-imnikktin, mall-foqra u maċ-ċkejknin u ħabib ta' kulħadd.

Kemm dam Arċipriet il-Mosta, huwa waqqaf l-Oratorju u fl-aħħar ħaseb għall-bini ta' oratorju 'Sacro Cuor' u daħħal is-sorijiet Agostinjani li llum qegħdin jagħmlu tant ġid, u bit-tħabrik tiegħu saru opri mill-isbaħ fit-tempju monumentali tal-Mosta. Bħala Kanonku tal-Katidral, huwa baqa' jaqdi l-ministeru pastorali tiegħu billi jqarar u jipprietka u jgħin b' kull mod lill-erwieħ.

Monsinjur Pawl Mallia jinsab midfun fil-Katidral tal-Imdina, il-belt antika tal-gżira Maltija. Hekk kif tidħol mil-bieb ewlieni tal-Katidral, għandek tara fuq in-naħa tal-lemin tiegħek lapida tal-irħam intersjat li turi l-qabar tiegħu. Din il-lapida tibqa' tfakkar lil dan il-Monsinjur Gudjan li kien ir-ragħaj ta' wieħed mill-akbar irħula ta' Malta. Huwa kien bniedem ta' kuxjenza u tul is-snin li għamel iservi bħala Arċipriet ħadem bis-sħiħ, u dejjem ta sehmu, għaldaqstant żgur li naqqax ismu f'qalb kull mosti, ħasra li ma laħaqx id-Domma tal-Assunta tal-1950.

Fil-ktieb *'Storja tal-Mosta' ta' E.B. Vella u Oħrajn*, l-awtur isejjaħ lill-Monsinjur Mallia bħala l-"Arcipriet tat-Tfal'. Din id-deskrizzjoni tixraqlu tassew meta wieħed iqis li kien proprju huwa li ta bidu għax-xogħol fuq l-oratorju Qalb ta' Ġesù. Infatti l-Arċipriet Mallia waqqaf kumitat ta' qassisin u lajċi biex jieħdu ħsieb it-tmexxija tal-istess Oratorju.

"Nixtieq nappella biex dan il-wild Gudjan jiġi mfakkar f'raħal twelidu. Il-Kunsill lokali tal-Gudja għandu jsemmi triq għalih bħala turija ta' rispett għall-ġieh li għamel lil raħal twelidu."

Dan ta' fuq kien l-appell tiegħi fil-ktieb tal-festa tal-Madonna Taċ-Ċintura tal-Gudja tas-sena 1997. Inħossni ferm kuntent li dan l-appell ġie milqugħ meta triq fuq in-naħa ta' Burġlat ġiet imsemmija għalih.

Referenzi

Registru: Parrokkjali Santa Marija Gudja.
Il-Mosta: Mibki Anthony Camilleri.(Mosta)
Storja tal-Mosta ta' E. B. Vella
Dun Pawl Buhagiar, Il-Mosta, Nru 85, p.10

Grazzi lil:-

Joe Borg ta' Mattew (Mosta)
Ray Cauchi (Sky Labs) Mosta.
Lawrence u Tony Mallia (Gudja)
L-Arċipriet Fr. Martin Cardona.(Gudja)
Pros. Kan Vincieno Borg (B'Kara).